# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta’ nhar il-Hamis 24 ta’ Settembru, 2015**

**Talba Nru:  584/2015/VG**

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Joshua GATT (ID. Nru. 96589M)**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fis-16 ta’ Lulju, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta’ elf seba’ mija u hdax-il euro u tnejn u hamsin centezmi ta’ euro [€1,711.52c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> “Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta attrici s-somma ta’ elf seba’ mija u hdax-il Ewro u tnejn u hamsin centezmu (€1711.52) in konnessjoni ma’ 79998804 (AC 51121380).
>
> Illi s-somma fuq imsemmija tinkludi l-ammonti dovuti bhala penali ghat-terminazzjoni anticipata tal-kuntratt.

> Illi nterpellat sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.
>
> Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat fit-23 ta' Lulju, 2015 u li baqa ma ressaq l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi salv ghan-nota pprezentata waqt is-seduta tal-lum.

Ra n-nota tal-lum stess fejn l-intimat, permezz taghha, ammetta t-talba mresqa mis-socjeta rikorrenti fil-konfront tieghu. L-istess intimat talab li huwa jinghata l-fakulta li jhallas lura lis-socjeta rikorrenti b'pagamenti mensili ta' hamsin Euro (€50).

Ra li ghas-seduta tal-lum kien hemm ukoll prezenti d-difensur ta' l-intimat l-Avukat Dr. Valentina Lattughi.

In vista ta' l-ammissjoni tal-intimat it-Tribunal ippospona l-kawza ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimata tas-somma ta' elf seba' mija u hdax-il euro u tnejn u hamsin centezmi ta' euro [€1,711.52c] in konnessjoni ma' 79998804 (AC 51121380).

Ikkunsidra;

2. L-intimat llum stess ressaq nota li permezz taghha ammetta t-talbiet tas-socjeta rikorrenti. L-intimat talab biss li huwa jinghata l-fakulta li jhallas dan l-ammont f'pagamenti mensili ta' hamsin euro (€50).

Ikkunsidra ulterjorment;

3. In vista ta' din l-ammissjoni da parti ta' l-intimat, it-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jiddikjara li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti huwa dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf seba' mija u hdax-il euro u tnejn u hamsin centezmi ta' euro [€1,711.52c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mis-16 ta' Lulju, 2015, d-data tal-prezentata tat-Talba odjerna, sad-data tal-hlas effettiv.

In vista tad-dikjarazzjoni maghmula mill-intimat u ghal fatt li s-socjeta rikorrenti rrimettiet ruhha ghad-decizjoni tat-Tribunal, it-Tribunal qieghed jordna li l-ammont hawn fuq dikjarat bhala dovut, flimkien ma' l-imghaxijiet relattivi, ghandu jithallas mill-intimat fl-ammont ta' hamsin euro (€50) fix-xahar bl-ewwel pagament ikun dovut fl-1 ta' Ottubru, 2015 u imbaghad kull l-ewwel jum tax-xahar sussegwenti sakemm id-debitu jigi saldat. F'kaz li l-intimat jonqos milli jhallas pagament wiehed, allura l-ammont kollu jiġi dovut minnufih flimkien ma' l-imghaxijiet relattivi.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**